# ID-DOLLIEGĦA U L-QARGĦA

F'ras ta' wilġa, ġo' l-Għemieri,
Għodwa waħda, maż-żerniq,
Daħlet tħuf il-Qargħa-ħamra:
U minn għerq il-ħajt tat-triq,
F'nofs il-ħdura rat dolliegħa
Bil-faxxina mgħammra sfiq.

– Saħħa xbint– sellmet il-qargħa
Lid-dolliegħa; bħad-dundjana
Din mirquma wkoll bi ġmielha,
Hekk weġbitha:–"Ja baħnana!
"Min qatt kiel il-kirxa miegħek?
"Ma jaqbilx demmek ma' tagħna!

"Ma tafx mela, mnejn hu nieżel
"Il-ġidd tagħna! Bint minn jien?
"L-isbaħ riqma (1) tal-ħamrija...
"L-aħjar għalla li jrodd ġnien!
"Ma ħsibtnix rimja ġo maħtab?
"Jew ħaxixa tal-widien!?

"Fost l-egħlejjel sbieħ tal-biedja,
"Jien sebbieqa bla xejn dgħul!
"Ħutek iżda;–basla, tewma,
"Il-kurrat, xi kejla ful,
"Il-bagħlija w oħtha l-oħra....
"Li m'għandhiex sura, ħlief tul!

"Jien nintasab fuq l-imwejjed
"Tal-kbarat u tar-rejiet!
"Naħji, nitma', nsaqqi l-gewġa
"Fuq l-inbid; meta tkun bdiet!"
–*Int u jien*, wieġbet il-qargħa,
–*M'aħniex t'Alla, t-tnejn ħlejqiet*!–

Inti, kburi, żżomm ġo moħħok,
U jissemmem da' l-ħsieb fik,
L'int fuqan ħdejn għajrek f'kollox!
U sal-warda li thennik
Bil-ġmiel, lwien u fwieħa tagħha,
Tħoss li nħalqet biss għalik!

20 - 11 - '42 R. M. B.

(1) Żina.